Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 248/2013AE

**L-Imhallef Vincent DeGaetano [I.D. 607152 M] u martu Marie-Therese DeGaetano [849253M] u Mary Rose Ambrogio [ID 832746M]**

**vs**

**Stefan Cordina fil-kwalita' tieghu ta' Sindku u Marica Mifsud fil-kwalita' taghha ta' Segretarju Ezekuttiv, it-tnejn ghan-nom u in rappresentanza tal-Kunsill Lokali Attard, u Rite-Mix (Gatt Bros) Ltd. [C 2821]**

It-Tnejn, 2 ta' Mejju 2016

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-26 t'Awissu 2013 prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u li permezz tieghu ppremettew li huma sofrew danni minhabba infiltrazzjoni qawwija ta' ilma fir-residenza taghhom gewwa Triq Hal Warda, H'Attard, liema ncident sehh fix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2010 u dana minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-intimati jew min minnhom. Huma talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati jhallsu danni f'ammont mhux iktar minn €11,646.

Rat ir-risposta tas-socjeta' ntimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited[1] li permezz taghha eccepiet illi (i) preliminarjament m'hijiex legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti stante illi ma ghandha ebda relazzjoni guridika maghhom izda wettqet ix-xoghlijiet in kwistjoni gewwa Triq Hal Warda skont l-istruzzjonijiet u l-ispecifikazzjonijiet moghtija mill-Kunsill Lokali ntimat; (ii) fil-mertu, ix-xoghlijiet imwettqa minnha saru skont l-arti u s-sengha u f'ebda cirkostanza ma kien hemm traskuragni, mperizja, negligenza, nuqqas ta' tharis ta' regolamenti jew nuqqas ta' diligenza fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet; (iii) ix-xoghlijiet li saru minnha ma setghu bl-ebda mod jaffetwaw il-*watercourse* u lanqas il-*culvert* li kienu diga' ezistenti qabel bdew ix-xoghlijiet, u dan lanqas b'mod temporanju; (iv) il-problema ta' l-ilma fl-inhawi ta' Triq Hal-Warda ilha tezisti minn ferm qabel ma nbdew ix-xoghlijiet minnha. Ghalhekk huma ma jirrispondux ghal danni.

[1] Fol 9.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Stefan Cordina u Marica Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Attard[2] li permezz taghha eccepew illi (i) il-Kunsill Lokali m'ghandu jgorr ebda htija ghal dak li sehh lir-rikorrenti; (ii) jekk hemm htija, din ghandha tingarr esklussivament mill-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill (u cioe' s-socjeta' Rite-Mix (Gatt Bros) Limited) illi kellha obbligu li twettaq xoghlha skont is-sengha u l-arti; (iii) jispetta lir-rikorrenti jippruvaw li d-danni subiti minnhom gew kawzati mix-xoghlijiet kondotti mill-Kunsill; (iv) f'kull kaz, kwalunkwe danni likwidati ghandhom ikunu ferm inqas mill-massimu tal-valur li jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti; (v) m'ghandu jibda jiddekorri ebda mghax billi s-somma mitluba mir-rikorrenti ghadha mhix determinata.

Rat is-sentenza tal-14 ta' Mejju, 2015 li permezz taghha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ddecidiet illi:-

*"**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati Stefan Cordina u Marica Mifsud, rispettivament bhala Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Attard kif ukoll*
***Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Ltd u ghalhekk*
***Tilqa'** t-talbiet attrici u*
***Tiddikjara** illi l-intimati Stefan Cordina u Marica Mifsud, rispettivament bhala Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Attard kif ukoll is-socjeta' intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Ltd huma t-tnejn responsabbli in solidum ghall-hsarat sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' ingress ta' ilma fil-fond tar-rikorrenti f'Settembru u Ottubru tas-sena 2010,*
***Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' l-ingress ta' ilma fuq deskritt fis-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u erbgha u sittin euro (€11,646), u ghalhekk*
***Tikkundanna** lill-intimati in solidum bejniethom sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u erbgha u sittin euro (€11,646) bhala danni kif fuq likwidati.*
*Bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Awissu 2012 sad-data tal-pagament effettiv.*
*Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta' intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited".*

Dan wara li l-istess Qorti ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(i) Ir-rikorrenti konjugi DeGaetano huma propretarji tal-fond "Corycra", 41, Triq Hal Warda, Attard, u ilhom jghixu hemm mis-sena 2003. Qabel l-incident meritu tal-kawza qatt ma kellhom problema ta' dhul ta' ilma fid-dar taghhom. Ir-rikorrenti l-ohra Mary Rose Ambrogio, oht Marie Therese DeGaetano, tabita wkoll gewwa l-fond tar-rikorrenti fejn anke kienet stivat xi affarjiet personali taghha fil-basement meta hija kienet irrilokat mill-fond fejn kienet tirrisjedi precedentement ghall-fond tar-rikorrenti DeGaetano;

(ii) Il-fond tar-rikorrenti jinsab faccata tal-gonna maghrufa bhala Gonna ta' Hal Warda, liema gonna huma gestiti mill-Kunsill Lokali ta' Attard;

(iii)F'April 2010, wara applikazzjoni illi kienet saret mill-istess Kunsill Lokali ta' Attard u Tender mahrug mill-Kunsill Lokali Attard u mirbuh mis-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited, nbeda progett ta' tisbieh ta' dana il-gnien, liema xoghol kien principalment wiehed ta' 'landscaping' kif ukoll bini ta' zewgt gwiebi bil-ghan illi jinzamm l-ilma ghall-istess gonna;

[2] Fol 11.

(iv)F'Lulju 2010, hekk kif kien qed isir ix-xoghol ta' thaffir tal-bjar, instabu fdalijiet ta' oqbra punici u ghalhekk tali xoghlijiet twaqqfu mill-MEPA u kien biss f'Awissu 2011 illi x-xoghlijlet tkomplew, wara illi saret ri-evalwazzjoni tal-progett fid-dawl ta' l-iskoperta' ta l-oqbra punika. Rizultat tat-twaqqif tax-xoghlijiet is-sit gia imhaffer thalla fl-istat illi kien meta saret l-iskoperta ta' l-oqbra peress illi l-Awtoritajiet oggezzjonaw illi jsir kwalsiasi tip ta' xoghol fuq is-sit;

(v) Fit-28 ta' Settembru 2010, ftit gimghat wara illi l-konjugi DeGaetano kienu marru jghixu barra minn Malta, sehhet maltempata kbira f'Malta, u fiz-zona fejn tinstab il-fond tar-rikorrenti u l-gonna fuq imsemmija kien hemm gharar konsiderevoli, tant illi wassal sabiex il-garaxx tad-dar tar-rikorrenti, illi jinstab taht il-livell tat-triq, spicca dahal madwar ghaxar pulzieri oghli ilma;

(vi)Il-gar tar-rikorrenti, illi sofra problemi ta' ingress ta' ilma ukoll, stqarr illi huwa kien ilu jghix fil-fond ghal aktar minn hamsa u ghoxrin sena qabel il-maltempata ta' Settembru 2010 u qatt ma ra daqshekk ilma hiereg mill-gnien ghal gewwa t-triq. Meta mar sabiex jara x'kien qed jigri dakinhar stess hekk kif kienet niezla x-xita, seta' jinduna illi kien hemm hsara gewwa 'culvert' ta' l-ilma illi kien intiz sabiex jghaddi l-ilmijiet gejjin minn toroq aktar' l fuq mill-gonna ghal go sistema intiza biex tiehu l-ilmijiet tar-triq ta' Triq Hal Warda bir-rizultat illi l-ilma li kien ghaddej minn gewwa tali culvert, flok ma nizel fis-sistema intiza ghall-ilmijiet tax-xita, kien qieghed ifur ghal gewwa il-gonna u dana l-ilma kien l-ewwel qieghed jinzel fil-hofra illi kienet thaffret u li fiha intsabu l-oqbra punici u eventwalment, wara illi tali hofra timtela, l-ilma ikompli jfur fit-triq;

(vii) Mix-xhieda kemm ta' Mary Rose Ambrogio kif ukoll tal-Perit tar-rikorrenti, Anthony Fenech Vella, irrizulta illi l-ilmijiet illi dahhlu gewwa l-garaxx tar-rikorrenti, ma dahalx mir-rampa illi hemm mat-triq, izda dahal minn gewwa l-blat, liema blat kienu fl-istess livell tal-qiegh tat-toqba fuq imsemmija illi kienet thaffret u thalliet miftuha;

(viii) Hekk kif gara dan, ir-rikorrenti minnufih gharrfu lill-Kunsill Lokali ta' Attard bil-problema ta' ingress ta' ilma, izda l-Kunsill infurmahom illi ma setghux jaghmlu xejn minhabba fil-fatt illi ma setghu imissu xejn. Jirrizulta ukoll illi, nelfrattemp, ir-rikorrenti bdew jaghmlu x-xoghlijiet necessarji sabiex ibattlu il-garage mill-ilma kif ukoll jarmu l-oggetti illi kienu fi stat irreparabbli filwaqt illi jnaddfu l-fond sa fejn possibbli;

(ix) Fil-25 ta' Ottubru 2010, regghet sehhet maltempata ohra, u, ghal darba ohra, rega' dahal ilma fil-garaxx tar-rikorrenti u, ghal darba ohra, ikkawza hsarat fl-oggetti rimamenti fil-garaxx. Jirrizulta illi eventwalment xoghlijliet rimedjali fuq il-*culvert* saru mill-kuntrattur reponsabbli tas-sit, ossija is-socjeta Rite-Mix (Gatt Bros) Limited, u eventwalment il-problema giet rizolta. Ghalkemm ix-xoghljiet fil-gnien inbdew biss f'Awissu 2011 u ghalhekk regghu bdew xoghlijiet ukoll fuq il-hofra illi kienet baqghet mikxufa, sa dakinhar, ghalkemm regghet ghamlet ix-xita, ir-rikorrenti ma sofrew ebda istanza ohra ta' ingress ta' ilma;

(x) Wara l-incident, ir-rikorrenti kellhom korrispondenza mal-Kunsill Lokali ta' Attard sabiex tinstab soluzzjoni ghad-danni soferti mill-istess rikorrenti rizultat ta' l-ingress ta' lilma, liema korrispondenza wasslet sabiex, fit 13 ta' Gunju 2012, il-Kunsill Lokali jaghmel rizoluzzjoni fejn jinghad illi l-Kunsill

qieghed jassumi r-responsabbilta' tal-hsarat minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi reponsabbilta' f'xi kaz iehor;

(xi)Minkejja tali dikjarazzjoni, il-Kunsill Lokali ta' Attard baqa' ma onorax l-obbligi tieghu stante illi l-assikurazzjoni taghhom ma kinetx qieghda taccetta r-responsabbilta' ta' l-akkadut, u ghalhekk, eventwalment saret il-kawza odjerna;

(xii) Fil-kaz odjern, huwa car illi dak li wassal ghall-hsarat li sofrew ir-rikorrenti kien direttament relatat max-xoghlijiet illi kienu qed isiru fil-gnien faccata l-propjeta tar-rikorrenti, u partikolarment il-hofra illi kienet giet skavata mis-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited u li kienet thalliet miftuha hekk kif intsabu oqbra Punici fil-gonna;

(xiii) Il-problema principali illi wasslet ghall-ingress tal-ilma fil-fond tar-rikorrenti ma kienx daqstant il-hofra illi kienet thaffret, peress illi tali toqba, wahedha, setghet takkumula ilma gewwa fiha, izda forsi mhux fi kwantitajiet tali illi jwasslu ghall-perkolazzjoni ta' l-ilma minn gewwa l-blat gewwa fond aktar minn wiesgha ta' triq 'l hinn minnha, izda kien aktar il-hsara illi kien hemm fil-culvert ta' ilma illi kien hemm f'tarf il-gnien, liema culvert kien jigbor hafna ilmijiet illi kienu gejjin mit-toroq aktar 'l fuq mill-gnien, liema hsarat wasslu sabiex l-ilma tax-xita, flok ma baqa sejjer fis-sistema intiza ghall-ilma tax-xita, kien qieghed ifur minn tali culvert ghall gewwa il-gnien, u tal-ilma kien qieghed jinzel bi volum kbir fil-hofra illi kien hemm fil-gnien u eventwalment ifur ghal gewwa t-triq;

(xiv) Ix-xhieda prodotti mis-socjeta Rite-Mix (Gatt Bros) Limited, bl-ebda mod ma jitfghu dawl fuq kif attwalment seta qatt dahal l-ilma fil-fond tar-rikorrenti, u ghajr ghall-insistenza taghhom illi ma kienx tort taghhom, lanqas biss kienu f'pusizzjoni jikkonfermaw illi kien hemm hsarat fil-culvert ta' l-ilma, fatt ippruvat 'l hinn minn kull dubju;

(xv) Il-Qorti hija konvinta illi l-verzjoni tal-fatti dwar kif gara l-akkadut hekk kif deskritta minn Nicholas Grima, gar tar-rikorrenti, hija wahda kredibbli w attendibbli u l-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-ilma dahal fil-fond tar-rikorrenti rizultat tal-fatt illi kien hemm hofra kbira esposta ghall-elementi quddiem il-fond taghhom u kien hemm culvert ta' l-ilma illi kien bil-hsara bir-rizultat illi l-ilmijiet kollha bdew dehlin fil-gnien u il-hofra, flok fis-sistema intiza ghall-ilma tat-triq;

(xvi) Il-hsarat li r-rikorrenti sofrew rizultat ta' l-ingress ta' ilma kien wiehed ingenti. Il-Qorti ma ghandha ebda raguni sabiex tiddubita mill-affidabilita' ta' tali valuri kif moghtija mir-rikorrenti, anke in vista tal-fatt illi, kif deskritt mir-rikorrenti stess, hafna mill-oggetti kellhom valur sentimentali illi certament bl-ebda mod, la jista jigi valutat, u wisq anqas ma jista jigi risanat bl-ghoti ta' kumpens f'danni.

Kemm is-socjeta' ntimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited kif ukoll l-intimati Stefan Cordina u Marica Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Attard hassewhom aggravati b'din is-sentenza u nterponew appelli

separati minnha lil din il-Qorti. Ir-rikorrenti appellati wiegbu[3]. Waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2016[4] dehru d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-appell ta' Stefan Cordina u Marica Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Attard**

**L-ewwel aggravju - Responsabbilta'.**

Il-Kunsill Lokali jilmenta li fis-sentenza l-Qorti njorat l-argumenti sollevati minnu u jargumenta li jezistu 'motivi gravi' sabiex isir apprezzament tal-provi mill-gdid minn din il-Qorti.

Jigi sottolineat *in primis* li l-fatt li fid-deliberazzjonijiet taghha Qorti ma taghmilx referenza ghal kull prova, argument jew sottomissjoni mressqa quddiemha mill-partijiet ma jwassalx ghal konkuzjoni li dawn ma gewx ikkunsidrati. Kif intqal fil-kaz fl-ismijiet **Feneco Limited vs Pronto Developers Limited** deciz mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2012[5] -

*"Jigi osservat li, wara li qorti gudikanti tezamina l-atti processwali kollha, m'hijiex obbligata li tindika kollox u taghti spjegazzjoni u gudizzju fuq kollox, imma huwa fid-diskrezzjoni taghha li fis-sentenza tindika u tissenjala dak li jidhrilha li hu relevanti u li eventwalment wassalha biex taghti l-gudizzju taghha fuq it-talbiet maghmula.*

Minn dak li jirrizulta mill-atti, il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas tal-ewwel Qorti fl-osservanza tal-principji appena citati. Hija qieset il-provi kollha tal-partijiet mressqa matul l-*iter* kollu tal-kawza, kif ukoll elenkat dawk l-aspetti kollha ta' rilevanza li fuqhom giet bazata d-decizjoni. Dan l-ilment tal-Kunsill appellant u ghalhekk totalment infondat.

Dwar l-argument tal-appellant li jezistu ragunijiet serji bizzejjed li jimmeritaw apprezzament mill-gdid tal-provi, l-Qorti tirrileva li l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti jigi varjat jekk hemm raguni gravi. Il-kaz **Michele Lanteri vs Alan Spiteri** deciz fid-29 ta' Jannar 2016[6] jikkonferma dan il-principju rassodat f'gurisprudenza kopjuza:

*"Principju iehor li huwa relevanti hafna f'dan il-kuntest huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa*

---

[3] Fol 28.
[4] Fol 39.
[5] App Nru 624/07.
[6] Qorti tal-Appell Nru 122/94.

*manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti."*

Ir-ragunijiet serji ndikati mill-Kunsill appellant huma li (i) r-rikorrenti appellati ma ressqux prova sal-grad rikjest mill-ligi li l-istess Kunsill ghandu jgorr xi responsabbilta' ghad-danni subiti minnhom; (ii) l-ewwel Qorti m'ghamlitx analizi dwar kif il-Kunsill kellu jgorr xi htija anke jekk l-event dannuz kien il-perkolazzjoni ta' ilma fil-fond tar-rikorrenti; (iii) il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti - li bhala Kunsill huma responsabbli ghax kien imisshom hadu l-prekawzjonijiet qabel - hija superficjali ghax il-provi juru mod iehor.

Il-Qorti ma taqbilx. Fl-ewwel lok, mill-*iter* processwali jirrizulta pacifiku li l-Kunsill Lokali appellant kien nieda progett ta' tisbih tal-gonna maghrufa bhala l-Gonna ta' Hal Warda. Is-socjeta' ntimata, illum ukoll appellanti, giet inkarigata biex twettaq tali xoghlijiet wara li rebhet tender mahrug ghal dan il-ghan. Il-Perit Tano Zammit ghal din is-socjeta' jikkonferma li parti mix-xoghlijiet kien jinvolvi l-kostruzzjoni ta' zewg gwiebi sabiex izomm l-ilma ghall-dan il-gnien. Wara li bdew ix-xoghlijiet fl-2010, inqala ntopp f'Lulju ta' dik l-istess sena minhabba li fil-kors tat-thaffir ta' dawn iz-zewg giebji nstabu fdalijiet ta' valur arkeologiku. L-awtoritajiet kompetenti gew avzati mmedjatament u nharget *Stop Notice* - ghal bidu din kienet tapplika ghall-akwati fejn instabu dawn il-fdalijiet izda eventwalment giet estiza fuq is-sit kollu fejn kellu jsir ix-xoghol[7]. Il-pjanta ezibita minn dan l-istess xhud a fol. 112 tikkonferma li l-gnien imsemmi, partikolarment iz-zona fejn kienu qeghdin jithaffru dawn il-gwiebi, kienu jigu faccata tar-residenza tar-rikorrenti. Ix-xhud kompla jikkonferma li wara l-hrug tal-istop notice, *"bejn Lulju tas-sena 2010 u Awissu tal-2011 xoghlijiet fuq is-sit ma sar xejn ghax ma stajna naghmlu xejn[8]".* Kif ikompli jixhed imbaghad il-gar tar-rikorrenti Nicholas Grima[9], bejn l-ahhar ta' Settembru u l-bidu t'Ottubru tas-sena 2010 kien hemm il-maltemp u nizlet hafna xita. Dahal ammont konsiderovoli ta' ilma kemm fir-residenza ta' dan il-gar u anke f'dik tar-rikorrenti u cioe' fil-garaxx taghhom li hu *semi-basement*. L-ilma oghla ghal diversi pulzieri. L-ghamara u hafna oggetti ohra li kienu fih ixxarrbu sew u gratilhom hafna hsara kif jixhdu r-ritratti esibiti a fol 80 u kif xehdu r-rikorrenti Mary Rose Ambrogio[10] u bint il-konjugi rikorrenti Victoria Degaetano[11].

Il-Qorti tqis li n-ness bejn id-danni kawzati fil-proprjeta' tar-rikorrenti u l-event dannuz gew ukoll ben stabbiliti. L-intimati llum appellanti, partikolarment is-socjeta' Rite-Mix (Gatt Brothers) Ltd jargumentaw li kien "impossibbli" li l-ilma tax-xita pperkola ruhu miz-zona fejn kien qieghed isir ix-xoghol ghal gewwa d-dar tar-rikorrenti ghax bejn il-gnien u r-residenza tar-rikorrenti hemm triq u f'din it-triq ma sar ebda xoghol[12]; kif ukoll li bejn il-gnien in kwistjoni u l-

---

[7] Xhieda a fol 100
[8] Fol 100.
[9] Fol 54.
[10] Fol 86.
[11] Fol 91.
[12] Perit Stephen Buhagiar a fol 118.

proprjeta' tar-rikorrent hemm *culvert* fond sular bir-rizultat li l-ilma "ma setax" jiskula kif qeghdin jghidu r-rikorrenti[13].

Il-Qorti izda tqis dawn l-argumenti bhala suppozizzjonijiet li ma gew sorretti minn ebda prova. L-ewwel nett dwar il-*culvert* bejn ir-residenza tar-rikorrenti u l-gnien, gie ammess ukoll mill-istess perit Zammit li ghalkemm dan huwa fond u wiesgha mhux hazin, *"xorta ma jlahhaqx ma' l-ilma kollu bir-rizultat illi fit-triq ikun hemm l-ilma wkoll* [14] *"*. Inoltre dawn il-kummenti tal-intimati ma jaghtu ebda twegiba u b'ebda mod ma jikkontradixxu l-provi l-ohra fattwali li tressqu partikolarment:

i. Ix-xhieda dettaljata ta' Nicholas Grima li hu stess ra b'ghajnejh dak li gara:

*"Beda gej hafna ilma minn gol-imsemmi gnien li beda jingema' gol-hofra li fiha nstabu l-fdalijiet punici. Niddikjara li kemm ilni nghix f'din it-triq (ghal aktar minn 25 sena) qatt ma rajt ammont daqshekk kbir ta' ilma hiereg minn gol-gnien. Mort nara minn fejn dan l-ilma kollu kien gej u nnutajt illi l-ilma kien diehel kollu gol-hofra minhabba hsara li saret lill-kanal li jilqa' l-ilma li jkun gej mit-toroq il-fuq mill-gnien. Minhabba l-hsara li saret lill-kanal, l-ilma ma kienx diehel gol-main culvert imma kien qed jizbokka gol-hofra li fiha nstabu l-fdalijiet punici u allura anke meta x-xita kienet waqfet, l-ilma baqa' gej u jimla l-hofra. L-ilma li beda jingema' gol-hofra beda jiskula ghall-gol-basement tieghi. Ikkonfermajt li l-ilma kien qed jiskula ukoll gol-basement tal-girien tieghi, il-familja Degaetano*[15]*."*

ii. Ir-rapport[16] u x-xhieda dettaljata tal-Perit Fenech Vella[17] li acceda fuq il-lok ftit granet wara l-ewwel ingress ta' ilma, u li mill-ispezzjoni tieghu ikkonstata li matul is-snin li kienet ilha mibnija d-dar tar-rikorrenti il-*flood channel* tal-garaxx dejjem lahhaq sew mal-ilma minkejja xita simili ghal dik li nizlet fil-perjodu in dizamina. Ikkonkluda wkoll li l-kagun ma kienx gej mill-proprjetajiet tal-girien. Huwa kkonferma li kawza tal-istat li kienu thallew fih ix-xoghlijiet fil-gnien pubbliku faccata tar-residenza tar-rikorrent, wara x-xita msemmija:-

*"...l-ilma telaq jiskula fir-radam u jigri ma' wicc il-blat. Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz l-ewwel ma jsib huma l-postijiet aktar fil-baxx; 'garage semi-basement' hu perfett ghalhekk. Bil-koncentrazzjoni daqshekk qawwija u ilma gej jigri minn 'catchment areas' estensivi tan-naha ta' fuq ta' H'Attard u bil-pendil qawwi li jaghti sahha lil velocita' ta' l-ilma, l-ilma beda jingema malajr fil-hofra minhabba l-fetha fil-'culvert', bla ma jaghti cans li jinxtorob u jitferrex fir-radam ta' taht it-triq u allura ghaddiet speci ta' xmara zghira minn l-ehfef passagg li sab. Sfortunatament din hadet id-direzzjoni lejn il-pedamenti ta' 'Corcyra' u tal-girien u b'hekk jispjega ruhu l-volum enormi li mbaghad sfoga fil-garage."*[18]

---

[13] Perit Tano Zammit a fol 102.
[14] Fol 102.
[15] Affidavit a fol 54.
[16] Fol 44 et seq.
[17] Fol 93 et seq.
[18] Fol 45.

iii. Fl-epoka ma jirrizultax li kienu ghaddejjin xi xoghlijiet ohra fl-akkwati li setghu ikkontribew ghall-dawn l-episodji, kif wara kollox kollox ikkonfermat Marica Mifsud, Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill[19];

iv. Meta giet imsewwija l-*culvert* il-problema tal-ingress tal-ilma ma baqghetx akuta avolja l-hofra tghattiet bil-perspex zmien wara[20]. Sakemm tghattiet il-hofra din baqghet timtela bl-ilma meta kienet taghmel ix-xita u baqa' diehel ftit ilma lejn ir-residenza tal-appellati izda l-kanali nterni madwar is-*semi basement* lahhqu ma' dak l-influss ta' ilma. Qabel ma thaffret il-hofra u wara li tghattiet kompletament, l-appellati ma dahlilhomx aktar ilma[21]. Il-hofra tghattiet sa Settembru 2012[22].

v. Ma rrizulta ebda fattur iehor estranju li seta' kkontribwixxa ghall-perkolazzjoni tal-ilma in kwistjoni.

Mis-suespost il-Qorti hi sodisfatta li l-kawza prossima tal-ingress tal-ilma fir-residenza tar-rikorrenti kienet il-mod kif thallew ix-xoghlijiet fil-gnien pubbliku faccata tar-residenza tar-rikorrenti wara li dawn gew imwaqqfa mill-awtoritajiet.

Stabbilit dan, jigi nnutat li l-Kunsill Lokali appellant jippretendi li jahsel idejh mill-vicenda kollha u mir-responsabilta' ghall-akkadut ghax skont hu kellu jdejh marbutin bl-*istop notice* mahruga mill-MEPA meta nstabu oqbra punici u ghax *se mai* kwalunkwe responsabilta' kellha tingarr mill-appaltatur inkarigat mix-xoghlijiet. Il-qorti ma taqbilx.

Huwa minnu li bhala regola, kuntrattur fit-twettiq tax-xogholijiet jopera b'awtonomija, bl-organizazzjoni proprja tieghu u bl-uzu ta' dawk il-mezzi mehtiega biex iwettaq ix-xoghol. Izda r-responsabbilta' globali tax-xoghlijiet, f'dan il-kaz tal-progett in kwistjoni fil-gnien pubbliku, inkluz is-sorveljanza tal-istess xoghlijiet kienet f'idejn il-Kunsill appellant[23]. Il-Kunsill kien ghalhekk ben konsapevoli ta' dak kollu li sar u ma sarx fil-progett inkluz tal-istat li fih thallew ix-xoghlijiet mill-kuntrattur meta harget l-*istop notice*. L-interpretazzjoni tal-appellanti li mal-hrug tal-*istop notice "ma seta' jsir litteralment xejn"* hi barra minn lokha. L-iskop logiku ta' "stop notice" mahrug mill-awtoritajiet kompetenti huwa proprju li jwaqqaf milli jsiru xi xoghlijiet li jistghu jaghmlu xi hsara materjali jew jipperikolaw l-istat u l-valur tas-sejba arkeologika. Certament izda dan il-waqfien mix-xoghol ma jipprekludix mizuri ta' prekawzjoni. M'huwiex il-kompitu tal-Qorti biex tghid x'kellu jaghmel il-kuntrattur biex jigi evitat dak li fil-fatt gara. Li hu zgur huwa li dik il-hofra ma kellha qatt tithalla hekk mitluqa u miftuha b'dak il-mod u lanqas kellu l-*culvert* imkisser jithalla f'dak l-istat ghal daqstant tul ta' zmien. L-obbligu li jindirizzaw dawn il-materji fil-pendenza tal-*istop notice* kien jinkombi kemm fuq l-

---

19 Fol 233.
20 Xhieda tar-rikorrent a fol 26.
21 Fol 226.
22 Email datata 14 ta' Settembru 2012 a fol 72.
23 Fol 123A.

appaltatur innifsu kif ukoll fuq il-kommitent li ghandu d-dover ta' sorveljanza biex jassikura li l-mizuri idoneji ta' prekawzjoni jittiehdu bla dewmien. Kemm il-Kunsill Lokali appellant kif ukoll il-kuntrattur ghalhekk naqsu entrambi milli jagixxu b'diligenza ordinarja ta' *bonus paterfamilias* f'cirkostanzi prevedibbli u cioe' li sakemm tigi rizolta l-kwistjoni dwar l-oqbra punici x-xoghol necessarjament kellu jieqaf ghal tul ta' zmien, u liema zmien allura kien se jkopri x-xhur tax-xita f'zona maghrufa li hija *"flood prone area"* bil-konsegwenzi kollha li n-nuqqas t'azzjoni da parti taghhom seta' jgib mieghu a skapitu ta' terzi kif kif fatt gara.

Ghal din in-nuqqas ta' hila murija fil-vicenda in kwistjoni jrid jirrispondi mhux biss il-kuntrattur izda anke l-Kunsill Lokali.

Fis-sentenza **Emanuel Zammit nomine vs Charles Polidano proprio et nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2014, gie osservat:-

*"**Min-naha l-ohra, is-socjetajiet appellanti ma jistghux jehilsu mir-responsabbilita` billi jghidu li qabbdu persuna biex tiehu hsieb ix-xoghol, ghax la darba rrizulta li b'dak li ghamlet jew ma ghamlitx dik il-persuna, is-socjeta` attrici sofriet danni** (specjalment meta tower crane intrama ezatt mal-faccata tal-lukanda tas-socjeta` attrici), **isegwi li dik il-persuna ma kienetx kompetenti f'xogholha, u ghall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza ghandhom ibatu wkoll is-sidien, is-socjetajiet konvenuti appellanti** (ara Grech v. Kummissarju tal-Pulizija, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 1988, u Gauci v. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et., deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Novembru, 2010, li fiha, wara rassenja ta' gurisprudenza, inghad li "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilita` ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi"). Hu car, kif taraha din il-Qorti, li allura ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici, ma jahti hadd hlief is-socjetajiet konvenuti kif stabbiliet l-ewwel Qorti (Emanuel Zammit nomine vs Charles Polidano pro et nomine, deciza mill-appell fil-31 ta' Jannar 2014)'*[24](enfazi mizjuda).

B'zieda ma' dan jinghad ukoll li n-nuqqasijiet tal-Kunsill Lokali appellant komplew jimmanifestaw ruhhom meta minkejja li l-appellati nfurmaw lill-Kunsill appellant bid-danni kawzati lilhom wara l-ewwel incident f'Settembru 2010, huma m'agixxewx tempestivament biex jassikuraw li dak l-episodju ma jergax jirrepeti ruhu tant li l-appellati kellhom isofru t-tieni incident. Anzi addirittura, l-perit Stephen Farrugia[25] insista fix-xhieda tieghu li l-obbligu tal-Kunsill *"huwa biss li nipprotegu t-third parties u li huma adjacenti jigifieri kontigwi mas-sit fejn qed isir l-izvilupp. Jekk terzi persuni iktar li l'hinn kellhomx xi problema jew le daka ma nidhlux fihom ahna*[26]*."* Ragunament li l-qorti ma tikkondividix iktar u iktar meta gej minn entita b'funzjoni pubblika.

Ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali fi kwalunkwe kaz tirrizulta wkoll mill-ammissjoni ta' responsabbilta' ghad-danni permezz ta' rizoluzzjoni li ghaddiet waqt laqgha tal-Kunsill tas-27 ta' Gunju 2012[27], u li taqra:-

---

[24] F'dik il-kawza il-konvenuti kienu s-sidien u kienu qeghdin isostnu li l-persuna responsabbli ghax-xogholijiet li saru fis-sit kienet terza persuna li gie identifikat bhala l-kuntrattur.
[25] Il-perit tal-Kunsill.
[26] Xhieda tal-Perit Stephen Farrugia a fol 123C.
[27] Ara minuti a fol. 50.

*"Il-Kunsill qed jaghmel refernza ghall-hsara li sehhet fil-fond Corcyra, Triq Hal Warda, H'Attard, proprjeta' tal-Imhallef Dr. V. De Gaetano u **qed jassumi responsabbilta' ghal tali hsarat.** Din id-dikjarazzjoni qeghda ssir mill-Kunsill minghajr ebda pregudizzju ghal kwalunkwe responsabbilta' f'xi kaz iehor konness."* (enfazi tal-qorti).

Huwa evidenti anke mill-volum ta' korrispondenza ezibita[28] li l-unika raguni il-ghala l-Kunsill Lokali appellant eventwalment naqas milli jonora l-obbligu kien minhabba d-dizgwid li nqala' bejnu u l-kumpanija assikurattiva tieghu li bdiet tirrifjuta li thallas ghall-*claim* li ghamel il-Kunsill.

Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

## It-tieni aggravju – Prova tad-danni

Il-Kunsill Lokali appellant isostni li m'huwiex sufficjenti li wiehed jistabilixxi biss htija pero' jrid igib prova tad-danni li hu qed jallega. Ma hux meqjus bizzejjed ghall-appellant illi l-ewwel Qorti ddikjarat li m'ghandha l-ebda raguni tiddubita l-affidabilita' tal-valuri li taw ir-rikorrenti bhala prova tad-danni hekk kif allegatament sofferti minnhom ghax trid tingieb prova cara ghad-danni liema prova m'hiex fl-atti processwali. Il-Kunsill appellant ikompli jargumenta li anke jekk *dato ma non concesso* hemm htija, r-rikorrenti appellati xorta wahda kellhom igibu prova cara u hekk kif rikjesta skont il-ligi dwar id-danni, haga li huma ma wettqux.

Il-Qorti tqis li din l-aggravju huwa wkoll destinat li jfalli ghax:

i. L-ircevuti li kienu nhargu in konnessjoni mal-vicenda in kwistjoni gew esibiti[29];
ii. Ritratti dettaljati tal-oggetti danneggjati gew esibiti wkoll[30];
iii. Lista ta' dawn l-oggetti danneggjati u l-istima tal-valur totali taghhom ntbaghtet ukoll lill-Kunsill appellant. Fl-istess korrispondenza kien gie senjalat lill-Kunsill li uhud minn dawn l-oggetti kellhom jintremew minnufih minhabba l-istat li spiccaw fih kif ukoll li hafna mill-oggetti danneggjati kellhom valur sentimentali[31];
iv. Wara skambji ohra ta' korrispondenza mar-rikorrenti l-Kunsill appellant accetta r-responsabbilta' ghad-danni u l-hlas ghall-istess permezz tar-rizoluzzjoni msemmija u dan minghajr ebda rizerva;
v. Fil-kors tal-kawza l-Kunsill appellant f'ebda stadju ma kkontradixxa jew ikkontesta l-kredibilita' tax-xhieda tar-rikorrenti u l-provi kollha mressqa minnhom dwar id-danni[32].

---

[28] Fol 126-223.
[29] Fol 57 sa 59A.
[30] Fol 80.
[31] Email datata 11 ta' Jannar 2012 a fol 41 u 42.
[32] Inkluz lista bi breakdown tal-valur tal-oggetti danneggjati a fol 56.

Mill-provi li ressqu r-rikorrenti fir-rigward tad-danni, il-qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

Dan l-aggravju hu michud.

**<u>It-tielet aggravju – Solidarjeta'</u>**

Il-Kunsill appellant jargumenta li ma hemm l-ebda *dolus* bejn l-intimati fejn is-solidarjeta' skont il-ligi hija wahda awtomatika u fit-tieni lok jekk l-ewwel Qorti sabet htija hekk kif sabet kellha tidhol imbaghad sabiex tara ta' min kienet il-htija. Illi l-Ewwel Qorti hadet it-triq l-aktar semplici u wahhlet fiz-zewg intimati 'in solidum'. L-Ewwel Qorti marret ukoll 'extra petita' fid-decizjoni taghha ghaliex tat vantagg lir-rikorrenti appellati u cioe' dak tas-solidarjeta' (li jgib mieghu certu vantaggi ghall-mod kif l-istess rikorrenti jistghu jirkupraw is-somma likwidata) li lanqas ir-rikorrenti stess ma talbu.

Dan l-aggravju hu fieragh. B'applikazzjoni tal-Artikolu 1050(1) tal-Kodici Civili, ir-responsabbilta hi tat-tnejn u r-rikorrenti ghandhom jedd jirkupraw il-hlas minghand kull wiehed mill-intimati.

**<u>Ir-raba' aggravju – Imghax</u>**

Il-Kunsill appellant jargumenta li fir-rikors promotur m'hemmx kristallizzat l-ammont preciz mitlub mir-rikorrenti u jsostnu li huwa principju stabbilit li l-imghax jiddekorri mill-mument meta l-ammont pretiz jigi kristallizzat u dana skont il-principju stabbilit *in liquidandis non fit mora*. Ghalhekk fil-fehma taghhom il-Qorti ma setghet qatt takkorda l-imghax fis-sentenza taghha b'effett mill-ittra gudizzjarja mressqa mill-atturi u datata 3 ta' Awissu 2012 sad-data tal-effettiv pagament.

F'sentenza ricenti fl-ismijiet **Anthony Busuttil vs Anton Camilleri et deciza fis-16 ta' Marzu 2016**, din il-Qorti ndirizzat dan il-principju-

*"Fis-sentenza **Emanuel Hayman et vs Mary Caruana et**[33], il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:*

*"Fir-rigward tal-imghax mitlub, m'hemmx dubju illi normalment il-Qrati tagħna jimxu mal-prinċipju in illiquidis non fit mora. Madankollu kif ġie espress per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet Citadel Insurance v. Johan Ciantar (Prim'Awla – 20 ta' Gunju 2002) li **"meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzzjarju (jekk dan ikun sar)** u mhix minn dakinhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont"* (enfażi miżjuda).

Mill-atti jirrizulta li sa mill-11 ta' Jannar 2012[34], u cioe' snin qabel giet prezentata l-kawza, il-Kunsill kellu bizzejjed informazzjoni u kien jaf x'kienu d-

[33] 6 ta' Frar 2015.

danni. Sahansitra ftit xhur wara, f'Gunju 2012, ghadda rizoluzzjoni fejn accetta r-responsabbilta' ghall-hsarat minghajr ebda rizerva ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* tad-danni[35].

Dan l-aggravju hu michud ukoll.

**L-appell tas-socjeta' Rite-Mix (Gatt Bros) Limited.**

**L-ewwel aggravju – Socjeta konvenuta m'hijiex il-legittimu Kontradittur.**

Is-socjeta' appellanti tinsisti li hija m'hijiex legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti ghaliex m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika maghhom.

Fil-kaz fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009**[36] din il-Qorti qalet:

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*

F'dan ir-rigward hu rilevanti dak li nghad minn din il-qorti f'din is-sentenza dwar ir-responsabbilta' tas-socjeta appellant ghad-danni li sofrew l-appellati.

**It-tieni aggravju – Il-Qorti ma hallietx lis-socjeta' appellant tressaq iktar provi**

Is-socjeta' appellanti tilmenta mill-fatt li waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2015 l-ewwel Qorti cahditha milli tipprezenta provi dokumentarji li ghalihom kienet saret referenza mill-Perit Stephen Buhagiar waqt is-seduta precedenti u dan bi pregudizzju ghall-interessi u d-dritt fundamentali taghha ghal smiegh xieraq. L-appellanti hija tal-fehma li dawn id-dokumenti kienu strumentali ghaliha ghax kienu jitfghu aktar dawl fuq il-hrug tal-*istop notice* fil-gnien pubbliku kif ukoll fuq il-fatt illi ebda xoghol ma seta jsir fis-sit wara l-hrug ta' tali *stop notice*.

Il-Qorti tqis li:

---

[34] Email mibghuta mir-rikorrenti lill-Kunsill bl-elenku tal-oggetti danneggjati u l-istima tal-valur tad-danni ta' Eur12,000.

[35] Fol 39. Sahansitra f'email tad-9 ta' Lulju 2012 li ntbaghatet mis-segretarja ezekuttiv tal-Kunsill lir-rikorrent, infurmatu li r-rizoluzzjoni kienet ghaddiet unanimament waqt laqgha tal-Kunsill, u li ntbaghtet lill-kumpannija assiguratrici tal-Kunsill sabiex jaghmel il-hlas. Fil-fatt qaltlu wkoll: *"You are therefore kindly requested to stop legal proceedings since from our part, as previously stated, we have accepted liability and the insurers should settle the matter shortly."* (fol. 66).

[36] Rik 1758/99.

i. Fis-seduta precedenti tal-15 ta' Dicembru 2014[37], ix-xhud Perit Stephen Buhagiar irrefera ghal dokumentazzjoni relatata mal-*istop notice* mahruga mill-awtoritajiet kompetenti u li qal li dak il-hin ma kellux din id-dokumentazzjoni fil-pussess tieghu f'idejh; b'referenza ghall-*istop notice* nfisha huwa qal li *"fuqi m'ghandix imma dina tista' tigi prodotta facilment mis-sistema elettronika tal-MEPA, u l-Kunsill Lokali zgur li ghandu kopja taghha*[38]*;*
ii. Dakinhar is-seduta giet differita ghal xahrejn wara, u cioe' ghas-26 ta' Frar 2015 ghall-eghluq tal-provi;
iii. Is-socjeta' appellanti b'ebda mod ma ggustifikat in-nuqqas taghha li tipprezenta d-dokumenti relattiva qabel is-seduta tas-26 ta' Frar 2015 jew ghallinqas dakinhar;
iv. Id-dritt ghal smiegh xieraq huwa ntiz li jikkoncedi opportunita' lill-partijiet iressqu l-provi taghhom fi zmien ragonevoli u ma jissarrafx fi dritt li wiehed jibqa' jgebbed bil-provi sakemm huwa jidhirlu xieraq. Hu evidenti li l-partijiet kollha fil-kaz odjern inghataw l-opportunita li jipprezentaw il-kaz taghhom;

L-ewwel qorti ghamlet sew li fis-seduta tas-26 ta' Frar 2015 iddikjarat il-provi maghluq. Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2014 gie verbalizzat li l-kawza differita ghas-seduta tas-26 ta' Frar 2015 biex jinghalqu l-provi. Ghalhekk jekk l-appellanti riedet tressaq provi ohra, kellha tressaqhom dakinhar. Il-qorti ma kellha l-ebda obbligu li taghti xi estensjoni ta' zmien, iktar u iktar meta tqies li kien hemm interval ta' xahrejn bejn seduta u ohra. L-appellanti m'ghandha l-ebda dritt li tilmenta ghal nuqqas taghha li tipprezenta d-dokumenti fis-seduta tas-26 ta' Frar 2015, cjoe' s-seduta li giet iffissata biex jinghalqu l-provi.

Dan l-aggravju hu michud.

**<u>It-tielet aggravju – Il-Qorti skartat l-argumenti tas-socjeta' appellant.</u>**

Is-socjeta' appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tezamina l-possibilita' li dan l-incident kien rizultat ta' kaz fortuwitu, kif ukoll il-fatt li x-xoghol mis-socjeta' appellant sar skont l-arti u s-sengha u wkoll li wara l-hrug tal-*istop notice* s-socjeta' appellanti ma setghet tmiss is-sit b'ebda mod.

Il-Qorti diga' kkunsidrat il-mertu tal-kaz fid-dettal u ftit li xejn hemm xi zzid dwaru.

Dwar id-difiza tal-kaz fortuwitu il-gurisprudenza hi cara. Kif intqal fis-sentenza **Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Ltd et**[39] deciz fl-24 t'April 2015:

*"....il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun*

---

[37] Verbal a fol 122.
[38] Fol 123B
[39] Rik 587/03 Qorti tal-Appell.

*ikkontribwixxa l-fatt, pozittiv jew negativ, tal-bniedem. Skont il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias".*

*"Persuna ma tistax semplicement tistrieh fuq il-kaz fortuwitu, jew forza magguri jew stat ta' necessita ` biex tiskolpa ruhha mill-htija meta tezisti l-kolpa antecedenti'. (Ara decizjonijiet ta' danni minn arma tan-nar waqt kacca* ***Raymond Sammut vs Anthony Micallef*** *deciza fit-3 ta' Ottubru, 2008 (817/1999/1) PA – Imhallef G. Valenzia, u* ***Carmela Fenech pro et noe vs Antonio Galea*** *deciza fl- 24 ta' Mejju 1954 mill-Qorti ta' l-Appell, u s-sentenza fl-ismijiet* ***Mikiel Refalo pro et noe vs Pawlu Curmi*** *deciza fit-13 ta' Jannar 1988 deciza mill-Qorti ta' l-Appell."*

F'dan il-kaz dak li gara kien minhabba ommissjoni tal-bniedem meta ma ttiehdux rimedji dwar il-culvert li kien hemm fil-gnien u li bix-xogholijiet li kienu lehqu saru ma baqghetx isservi li uzu li ghalih saret (ara rapport u deposizzjoni tal-perit Anthony Fench Vella[40]), thalliet hofra miftuha ghal xhur shah minghajr ma ttiehdu mizuri ta' prevenzjoni. Ghalkemm ix-xita hi fenomenu naturali li fuqha l-bniedem m'ghandu ebda kontroll, il-bniedem ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex jilqa' ghax-xita safejn hu regonevolment possibbli. Fil-kaz odjern irrizulta ampjament mill-provi li nonostante li z-zona in kwistjoni hija *flood-prone* area r-rikorrenti qatt ma kellhom ingress tali ta' ilma bhaz-zewg episodji ta' Settembru u Ottubru 2010. Dan ghaliex ir-residenza kienet mghammra b'kanali biex jilqghu ghax-xita u matul is-snin kollha li kienu ilhom residenti fiha, inkluz meta kienet hafna xita, dawn il-kanali xorta lahhqu mal-ilma tax-xita u ma kien hemm ebda perkolazzjoni gewwa xi parti mir-residenza. Li rrizulta wkoll mill-provi izda huwa li l-hsara li saret ma kinitx kawzata mix-xita qawwija izda min-nuqqas ta' diligenza ordinarja taz-zewg appellanti li jiehdu l-prekawzjonijiet idonjei biex ma ssirx hsara lil terzi.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-kaz ta' **Carmelo Wismayer Noe Et Vs Chev. Anthony Falzon Noe Et**[41] ma kellux fattispecje simili ghall-kaz odjern u ghalhekk m'huwiex ta' beneficcju ghas-socjeta' appellanti. Dik il-kawza kienet tirrigwarda servitu' ta' stillicidju li jorbot lill-fond f'livell aktar baxx sal-punt li s-sid tal-fond superjuri ukoll, jekk ma jkunx hemm mnejn l-ilma tal-fond tieghu jmur fil-fond inferjuri, jista' dejjen jigi awtorizzat li jaghmel xi haga biex l-ilma mill-fond tieghu jaqa' wahdu naturalment fil-fond inferjuri. F'dak il-kaz il-Qorti kienet irriaffermat il-principju li biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bil-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*.

Dwar il-kwalita' tax-xoghol tas-socjeta' appellanti u jekk dan kienx qieghed jigi ezegwit skont is-sengha u l-arti, a skans ta' ripetizzjoni inutli ssir referenza

[40] Rapport a fol. 44 u deposizzjoni fol. 93-96.
[41] Qorti tal-Appell (Superjuri), 29 ta' April 1996.

ghall-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar in-nuqqas ta' diligenza murija mill-intimati meta abbandunaw is-sit minghajr ebda prekawzjoni mal-hrug tal-*istop notice*. Huwa rrilevanti min kien ikkawza xi hsara fil-*culvert* tal-gnien jew b'liema mod gie kkawzat. Kif tajjeb qed tikkoncedi s-socjeta' appellanti f'paragrafu 2.8 a fol 15 tal-appell taghha, la l-*culvert* in kwistjoni kien jifforma parti mir-responsabblitajiet taghha wkoll fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilha, kien jinkombi fuqha li tassikura li dan il-*culvert*, flimkien mal-bqija tax-xoghlijiet li kienet qed twettaq ma jesponix lil terzi ghall-hsarat kemm waqt il-kors tax-xoghlijiet kif ukoll waqt li x-xoghol kien wieqaf minhabba l-*istop notice*. It-tezi li l-*istop notice* ma tippermettix it-tehid ta' mizuri ta' prekawzjoni u harsien mid-danni lil terzi giet diga' rigettata minn din il-Qorti. Lanqas ma rrizulta li xi had mill-appellanti ghamel talba lill-awtoritajiet biex sakemm jibqa' fis-sehh l-*istop notice*, jittiehdu mizuri biex ma jithalliex id-dizastru li jidher fir-ritratti li hemm fl-atti..

Dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud.

**<u>Ir-raba' aggravju – Il-piz tal-oneru tal-prova kien jnkombi fuq l-appellati</u>**

Ghar-ragunijiet diga' ndikati mill-Qorti, kuntrarjament ghall-argumenti mqajma mis-socjeta' appellanti, in-ness bejn id-danni subiti mir-rikorrenti appellati, l-event dannuz u r-responsabbilta' taz-zewg intimati appellanti gew ampjament pruvati mill-istess rikorrenti.

Dan l-aggravju huwa respint.

**<u>Il-hames aggravju – Is-socjeta' appellanti m'ghandhiex thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri</u>**

Dan l-aggravju hu gustifikat. Fis-sentenza jinghad: *"Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a karigu tas-socjeta intimate Rite-Mix (Gatt Bros) Limited"*. Hu evidenti li l-ewwel qorti hadet zball. Gialadarba kkundannat lill-intimati sabiex ihallsu d-danni solidalment, il-logika tghidlek li l-istess japplika ghall-ispejjez.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

**i. Tichad l-appell tal-Kunsill Lokali Attard;**

**ii. Tilqa' l-aggravju tas-socjeta' Rite-Mix (Gatt Bros) Limited limitatmament fir-rigward tal-kap tal-ispejjez tal-kawza u tichdu fil-kumplament;**

**iii. Tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Mejju 2015 billi thassar dik il-parti fejn iddecidiet illi *"l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta' ntimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited"*, u tiddeciedi minflok li l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu l-Kunsill Lokali Attard u Rite-Mix (Gatt Bros) Limited solidalment bejniethom, filwaqt li tikkonferma l-**

**istess sentenza fil-kumplament. Kull appellant ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-appell tieghu[42].**

Anthony Ellul.

[42] Ghalkemm l-aggravju tas-socjeta appellanti dwar l-ispejjez intlaqa', l-ispejjez jibqghu a karigu taghha gialadarba hu evidenti li dak li nghad dwar l-ispejjez kien zball tal-ewwel qorti.